# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 443/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Kevin Zammit**

Illum 27 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Kevin Zammit**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 330888(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fit-2 ta' Diċembru 2009 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) lil persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien

awtorizzat bir-Regoli tal-1939 Għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-dispożizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur ta' Regolament Numru 4 tar-Regoli tal-1939 Għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolżi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. ittenta jagħmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ħajjar jew ġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat bi ksur ta' Artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba tittratta mal-imputat bħala wieħed li sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija mill-Maġistrat Dr. S. Meli LL.D. fil-21 ta' April 2006.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Settembru 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u kkundannatu ħdax-il xahar priġunerija u multa ta' disa' mitt Euro (€900) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas b'rata mensili ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament kellu jkun fi żmien xahar minn meta l-imputat jiskonta l-piena ta' priġunerija li ġiet erogata bis-sentenza u għal għal dan il-għan ir-Reġistratur kellu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data, pero' f'każ li l-imputat jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. L-Ewwel Qorti ma kkundannatx lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjeż tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut maħtur fl-istadju tal-Process Verbal tal-inkjesta dwar "is-sejba ta' ammont sostanzjali ta' droga fuq il-persuna ta' Jacqueline Dipasquale hija u dieħla fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin nhar it-2 ta' Diċembru 2009" u dan stante illi fid-dawl tal-fatt illi Jacqueline Dipasquale ma xehditx f'dawn il-proċeduri, il-Qorti ma straħitx fuq il-konklużjonijiet tal-istess espert sabiex issib ħtija fl-imputat. Ir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 239 Joseph Caruana ma ġietx esebita f'dawn il-proċeduri u fi kwalunkwe każ, japplika l-istess raġunament anke fir-rigward tal-ispejjeż konnessi ma' din ir-relazzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-7 ta' Ottubru 2016 fejn wara li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din il-Qorti sabiex: "*tilqa' dan l-appell billi: (a)* ***tħassarha u tirrevokaha***

*f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati u konsegwentement tilliberah kompletament skont il-liġi; (b)* ***tħassarha u tirrevokaha*** *f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-addebitu tar-reċidiva u tiddikjarah mhux ħati u konsegwentement tilliberah kompletament minn dan l-addebitu tar-reċidiva; (ċ)* ***tħassarha u tirrevokaha*** *ukoll f'dik il-parti fejn astjeniet li tieħu konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati tagħha u konsegwentement tilliberah kompletament skont il-liġi; (d)* ***alternattivament****, u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fit-2 ta' Diċembru 2009 il-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga għamlu tfittxija fuq Jacqueline Dipasquale li kienet taħdem bħala *nurse* ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u fuqha nstabu diversi tipi ta' droga ossia eroina, raża tal-cannabis u pjanta tal-cannabis, kif ukoll mediċina kkontrollata. Dipasquale kkooperat mal-Pulizija u

rrilaxxjat stqarrija li ġiet konfermat bil-ġurament quddiem Maġistrat fejn anke żvelat min kienu l-persuni li kienu jipprokurawlha d-droga u d-detenuti li għalihom kienet intiża l-istess droga. L-appellant ġie arrestat a bażi tal-informazzjoni mogħtija minn Dipasquale u hu rrilaxxa żewġ stqarrijiet: waħda fit-3 ta' Diċembru 2009 u oħra fit-12 ta' April 2010, liema żewġ stqarrijiet ġew ikkonfermati quddiem Maġistrat. Sussegwentement l-appellant ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti u ġie akkużat b'numru ta' imputazzjonijiet dwar liema ngħatat is-sentenza appellata.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jgħid li mill-atti proċesswali jirriżulta li huwa kien iħallas għad-droga bil-flus li kien jagħtih ħuh li kien fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Jgħid li hu qatt ma għamel gwadann finanzjarju jew xort'oħra u kien qed jagħmel hekk sforz l-insistenza ta' ħuh u t-tjubija tiegħu (tal-appellant) lejn ħuh. Jgħid li huwa rrilaxxa ż-żewġ stqarrijiet imsemmija hawn fuq u li l-Prosekuzzjoni użat dawn l-istqarrijiet bħala prova.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant iressaq is-segwenti aggravji:

- l-ewwel aggravju huwa li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-provi tal-elementi rikjesti mil-liġi għar-reati addebitati fil-konfront tiegħu;
- it-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju huma marbuta mal-istqarrijiet tiegħu;
- il-ħames aggravju huwa dwar il-piena.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju flimkien u dana peress li huma b'xi mod konnessi u minħabba dak li ġie mressaq fl-ewwel u fil-ħames aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li l-ewwel stqarrija rilaxxata minnu, ċioè dik mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2009 (Dok. "KZ 1" – *a fol.* 169 *et seq.*), għandha tkun skartata bħala prova minħabba li saret mingħajr ma ngħata d-dritt li jottjeni parir legali u b'hekk hija tibqa' kontaminata minkejja li ġiet ikkonfermata bil-ġurament quddiem Maġistrat. Jisħaq li għalhekk huwa ma setax jinstab ħati abbażi tal-istqarrija msemmija.

Illi t-tielet aggravju huwa dwar it-tieni stqarrija rilaxxata mill-appellant, ċioè dik mogħtija fit-12 ta' April 2010 (Dok. "KZ 2" – *a fol.* 174 *et seq.*), u l-konferma tagħha bil-ġurament quddiem Maġistrat. Jgħid li din l-istqarrija kienet rilaxxata minnu sabiex huwa jagħti informazzjoni lill-Pulizija dwar il-persuna li pprokuratlu d-droga. Jisħaq li din l-istqarrija ma kellhiex tkun ammissibbli bħala prova minħabba li ngħatat għall-iskop biex jgħin lill-Pulizija u jargumenta li dan huwa "*entrapment* indirett".

Illi r-raba' aggravju tal-appellant huwa li t-tieni stqarrija kienet rilaxxata minnu sabiex tintuża fi proċeduri kontra dik il-persuna minn għand min kien xtara d-droga u li allura hija ma kellhiex tintuża fil-konfront tiegħu. Jgħid li hu għażel li jibqa' sieket fil-proċeduri kontrih u li għalhekk l-użu tal-istqarrija tammonta għall-vjolazzjoni tad-dritt tiegħu li jibqa' sieket.

Illi din il-Qorti ser tibda bil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn it-tliet aggravji msemmija hawn fuq billi tinnota, kif diġà ngħad, li t-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju tal-appellant huma marbuta maż-żewġ stqarrijiet li ta huwa: waħda fit-3 ta' Diċembru 2009 u oħra fit-12 ta' April 2010. Għandu jingħad li l-ewwel stqarrija saret meta l-liġi dwar id-dritt għall-assistenza tal-avukat kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ u l-appellant jissottometti li jekk din ma kinitx ammissibbli bħala prova, allura ma setgħetx issir ammissibbli meta din kienet ikkonfermata bil-ġurament quddiem Maġistrat.

Illi din il-Qorti tinnota li fil-*Process Verbal* (*a fol.* 162 *et seq.*) kontenenti l-istqarrija ġuramentata tal-appellant li saret fit-12 ta' April 2010, f'liema stqarrija ġuramentata ġew ikkonfermati ż-żewġ

stqarrijiet quddiem Maġistrat, hemm imniżżel hekk (*a fol.* 178 *et seq.*):

> "Il-Maġistrat għadha kemm qratli żewġ stqarrijiet li jiena rrilaxxjajt lill-Pulizija fit-3 ta' Diċembru 2009 u fit-12 ta' April 2010, u wara li wissietni li jiena għandi dritt ma nweġibx għall-mistoqsijiet li jistgħu jinkriminawni u li għandi dritt nikkonsulta ruħi mal-avukat tiegħi, jien nwieġeb li nixtieq nagħmel din ix-xhieda ġuramentata u nikkopera mal-Pulizija għalkemm naf li hemm proċeduri kriminali fil-konfront tiegħi. Ngħid li din ix-xhieda qed nagħmilha minn jeddi u għaldaqstant jien lest li nagħmel din id-dikjarazzjoni u ma hemmx għalfejn nikkonsulta ruħi mal-avukat tiegħi qabel ma nagħmel dan għaliex fil-fatt huwa stess ssuġġerieli nikkopera mal-Pulizija." [emfażi miżjuda]

Illi jekk fid-data ta' meta l-appellant għamel l-ewwel stqarrija huwa ma kellux assistenza ta' avukat, issa l-appellant minn rajh għażel li jikkonferma bil-ġurament iż-żewġ stqarrijiet tiegħu quddiem il-Maġistrat u dan *ai termini* ta' Artikoli 24A(12) u (13) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal kull buon fini jingħad li t-tieni stqarrija saret fit-12 ta' April 2010 u ċioè meta kien diġà daħal id-dritt li jkun assistit minn avukat, liema dritt daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010. Mill-istqarrija ġuramentata stess hekk kif magħmula quddiem il-Maġistrat jirriżulta li l-appellant kien ingħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u hu għażel li ma jeżerċitax dan id-dritt. Mhux talli hekk talli quddiem il-Maġistrat l-appellant qal li hu ma kellux għalfejn jikkonsulta ruħu ma' avukat għaliex kien l-avukat stess li ssuġġerielu li jikkoopera mal-Pulizija!

Illi in fatti l-parir li l-appellant ngħata gawda minnu kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fl-24 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 182) meta l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-appellant allura imputat kellu jibbenefika minn Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti bl-ebda mod ma tara xi "*entrapment* indirett" kif jallega l-appellant u dana peress li jirriżulta li l-appellant għamel l-affarijiet minn rajh u kien fl-interess tiegħu li jagħmel hekk tant li l-Prosekuzzjoni għamlet id-dikjarazzjoni *ai termini* ta' Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif imsemmi. Għal kull buon fini jingħad li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti naqqset il-piena applikabbli b'żewġ gradi (*a fol.* 228).

Illi din il-Qorti tinnota wkoll li fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' Frar 2010 fil-kawża fl-ismijiet **Yoldaş v. Turkey** (Numru 27503/04) ingħad hekk:

> "Unlike in the case of *Salduz v. Turkey* ([GC], no. 36391/02, 27 November 2008, Information Note no. 113), the absence of a lawyer during the applicant's time in police custody had not resulted from systematic application of the relevant legal provisions. A law enacted in July 2003 had lifted the restriction on the accused's right to be assisted by a lawyer in proceedings before the National Security Courts. Hence, the applicant had been entitled in principle to request the assistance of a lawyer. Furthermore, the police had drawn up a report setting out his rights while in police custody and in particular his right to be assisted by a lawyer. After the report had been read, the applicant had been given a copy signed by him. Accordingly, despite having the right to be assisted by a lawyer while in police custody and having been reminded of that right, the applicant had refused assistance. It was clear from the statements obtained from him while in police custody that his decision to waive his right was to be regarded as free and voluntary. Accordingly, the waiver of his rights had been unequivocal and attended by the minimum safeguards. Furthermore, the applicant had given the same testimony before the judge and the public prosecutor, without denying the charges against him or the content of his testimony. In its judgment in

> 2006, the Assize Court had also taken into account the applicant's change of stance, after he had denied some of the charges. It had excluded six offences from the case file on the ground that they were based solely on the applicant's testimony and were not backed up by any other evidence. Accordingly, it had convicted the applicant on the basis of the remaining charges, which were corroborated and supported by evidence. The trial court had therefore scrupulously protected the applicant's defence rights and nothing in the proceedings gave grounds to suspect that the waiver by the applicant of his right to be assisted by a lawyer while in police custody had not been free and unequivocal. Accordingly, the applicant had not been deprived of a fair trial within the meaning of Article 6 § 1 taken in conjunction with Article 6 § 3 (c)."

Illi fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 2010 fl-ismijiet **Aleksandr Zaichenko v. Russia** (Numru 39660/02), l-istess Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk:

> "At that stage (2 March 2001) the applicant was apprised of his right to legal assistance, but voluntarily and unequivocally agreed to sign the act of accusation and waived his right to legal assistance, indicating that he would defend himself at the trial."

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, isegwi li ż-żewġ stqarrijiet rilaxxati mill-appellant (inkluż dik ġuramentata quddiem il-Maġistrat) huma provi ammissibbli u li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet hekk.

Illi dwar ir-raba' aggravju tal-appellant u ċioè li l-appellant baqa' sieket waqt il-proċeduri fil-Qorti, din il-Qorti tinnota li dan ma jwassalx għall-konklużjoni li l-istqarrijiet huma inammissibbli. Dawn saru bil-ġurament u liberament quddiem Maġistrat u wara li l-appellant kien mogħti parir mill-avukat tiegħu stess biex

jikkoopera mal-Pulizija. Is-silenzju fil-Qorti tal-appellant ma jħassarx il-validita' ta' dawn l-istqarrijiet.

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, din il-Qorti qed tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jisħaq li l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jieqfu ferm 'il bogħod mill-piż tal-prova rikjest mil-liġi ċioè dak fi grad ta' ċertezza morali mingħajr dubju dettat mir-raġuni. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha fi grad li huwa rikjest fil-kamp penali u li s-sejbien ta' ħtija tiegħu huwa *"unsafe and unsatisfactory"*.

Illi dwar dan aggravju din il-Qorti tinnota li mill-istqarrijiet rilaxxati mill-appellant jirriżulta s-segwenti:

- L-ewwel stqarrija (Dok. "KZ 1" – *a fol.* 169 *et seq.*): F'din l-istqarrija jirriżulta li l-appellant kien jixtri d-droga biex jagħtihom lil persuna oħra. Ħu l-appellant kien jagħtih il-flus biex tinxtara d-droga u mbagħad l-appellant kien jagħti ħamsin Euro (€50) lil din il-persuna biex iddaħħal id-droga. Dan kien ilu jsir għal madwar xahrejn. Ħuh kien jgħidlu biex jixtrilu tlieta jew erba' grammi bejn wieħed u ieħor darba fil-ġimgħa. Huwa dejjem herojina bagħatlu lil ħuh u qatt ma għadda droga lil ħaddieħor.

- It-tieni stqarrija (Dok. "KZ 2" – *a fol.* 174 *et seq.*): L-appellant jgħid li ma kienx jixtri minn għand l-Għarab kif kien qal fl-ewwel stqarrija u jgħid li kien jixtri minn għand Malti u qal min hu. Jgħid li kien jagħtih madwar sittin Euro (€60) kull gramma. Jgħid li hu (l-appellant) kien qed jagħmel pjaċir lil ħuh biss. Jgħid li l-bqija tal-istqarrija li kien diġà għamel hija vera waqt li kien lest li jikkonferma dan kollu bil-ġurament quddiem Maġistrat.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa s-sentenza appellata u minn qari tagħha jirriżulta li l-Ewwel Qorti qagħdet attenta biex ma tikkunsidrax stqarrija magħmula minn persuna oħra li fil-fatt ma xehditx. In fatti l-Ewwel Qorti waslet għal din id-deċiżjoni wara li kkunsidrat dak li qalet il-Qorti fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Pierre Gravina** (Numru 14/2003) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew-John Migneco** (Numru 5/2009), mogħtija fis-26 ta' Mejju 2003 u fit-8 ta' April 2010 rispettivament. Dan juri li l-Ewwel Qorti qagħdet ferm attenta biex tagħżel bejn il-provi ammissibbli u dawk li ma kienux.

Illi minkejja li l-appellant jgħid li dak li għamel ma kellu ebda skop ta' gwadann għalih innifsu imma għamlu minħabba ħuh, però dan ma jnaqqas xejn mill-ħtija tal-appellant dwar l-ewwel (1) imputazzjoni li tittratta dwar li wieħed iforni jew jipprokura jew joffri li jforni jew li jipprokura d-droga herojina. M'hemmx dubju li s-sustanza użata kienet herojina għaliex dan jikkonfermah l-appellant stess. Kien x'kien l-għan, xorta kien qed isir traffikar. Apparti minn dan, il-*mens rea* tirriżulta mill-att stess li wieħed jgħaddi s-sustanza minn id għall-oħra ġialadarba hemm l-għarfien li s-sustanza li qed tiġi mgħoddija hija waħda illegali. B'hekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta sabet ħtija fl-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant.

Illi anke t-tieni (2) imputazzjoni addebitata kontra l-appellant u ċioè dik dwar il-pussess tal-herojina hija wkoll ippruvata u dana peress li l-appellant kien jaf li kellu l-pussess tal-herojina f'idejh ġialadarba kien qed imur jixtriha. B'hekk l-Ewwel Qorti mhux kienet korretta biss li sabet lill-appellant ħati ta' din l-imputazzjoni msemmija, talli kienet korretta wkoll li applikat Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar it-tielet (3) imputazzjoni, din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata jingħad hekk:

> "Minn qari tat-tielet imputazzjoni jirriżulta ċar illi l-imputat ġie akkużat bit-tentattiv ta' reat kontra l-Ordinanza <u>jew</u> bil-kompliċita' fl-istess reat, fil-forom

> hemm indikati, mingħajr madankollu ma ġie indikat għal-liema reat partikolari, taħt l-istess Ordinanza, qed jirreferi t-tentattiv jew f'liema reat partikolari kien hemm il-kompliċita'. Ċertament illi m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li toqgħod tindaga fl-atti sabiex tasal għar-reat li għalih tkun qegħda tirreferi l-imputazzjoni biex tissupplimenta għan-nuqqas tal-Prosekuzzjoni, li ma ndikat bl-ebda mod dwar liema reat kien allegatament sar it-tentattiv da parti tal-imputat jew f'liema reat l-imputat kien allegatament kompliċi. Issegwi naturalment id-domanda: dwar liema reat allura għandha l-Qorti tiddetermina jekk kienx hemm il-kompliċita' jew it-tentattiv? Dan iżjed u iżjed meta ċerti ċirkostanzi jistgħu jagħtu lok ghal iżjed minn reat wieħed kontra l-Ordinanza. Huwa evidenti illi din l-imputazzjoni ma ġietx impostata tajjeb u għaldaqstant, il-Qorti jidhrilha li la għandha tillibera u lanqas issib ħtija ta' imputazzjoni li ma tikkontemplax ir-reat. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis li ma tistax ħlief tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni."

Illi dwar din l-imputazzjoni in eżami, din il-Qorti tinnota li Artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk: *"Kull min jittenta jagħmel reat kontra din l-Ordinanza, jew iħajjar jew iġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat, jeħel, meta jinsab ħati, mingħajr preġudizzju ta' kull responsabilita' oħra, l-istess piena u konfiska daqs li kieku ikkommetta reat taħt din l-Ordinanza."*

Illi jidher li l-iskop ewlieni ta' dan is-sub-artikolu kkwotat huwa li jirregola l-piena. Għandu jingħad li Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa liġi speċjali u jirregola t-tentattiv b'mod differenti mill-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni u għalhekk la sabet lill-appellant ħati u lanqas li mhux ħati u dan fl-assenza ta' aktar preċiżjoni minn naħa tal-Prosekuzzjoni. Din il-Qorti ma tara xejn x'tiċċensura fir-raġunament tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-imputazzjoni msemmija b'dan illi l-appellant bl-ebda mod ma ġie preġudikat b'dan u għalhekk din il-Qorti tiċħad it-tielet talba tal-

appellant hekk kif kontenuta fit-talbiet tar-Rikors tal-appell tiegħu.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ppreżentat provi li jippruvaw il-ħtija tal-appellant dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-ħames aggravju tiegħu l-appellant jgħid li meta l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-piena hija kellha tagħti aktar attenzjoni u piż akbar lis-segwenti: ir-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation,* it-trapass taż-żmien minn meta sar ir-reat, iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-għajnuna li hu ta lill-Pulizija u kif ukoll is-sitwazzjoni familjari tiegħu fejn martu u l-ġenituri tiegħu jiddependu fuqu. Jgħid li dawn iċ-ċirkostanzi msemmija minnu jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-Ewwel Qorti.

Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha b'dan illi tinnota li l-Ewwel Qorti qieset kollox: kemm l-applikazzjoni ta' Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm Artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-fedina penali tal-appellant u s-*Social Inquiry Report* (*a fol.* 196 *et seq.*) redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler. Din il-Qorti tinnota wkoll li apparti dawn, l-Ewwel Qorti ġustament qieset ukoll li t-traffikar mertu ta' dan il-każ kien qed iwassal id-droga fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Wara li din il-Qorti ħadet dawn il-fatturi kollha in konsiderazzjoni u ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, tinnota li fid-dawl tas-sentenza kkwotata hawn fuq ma hemmx lok li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tiġi mibdula. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar it-tieni talba hekk kif kontenuta fir-Rikors tal-appell liema talba tirrigwarda l-addebitu tar-reċidiva, din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u għall-istess raġunijiet imsemmija minnha fis-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant allura imputat ħati tal-addebitu tar-reċidiva, din il-Qorti tqies li din it-tieni talba ma għandhiex tiġi milqugħa.

Għaldaqstant, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, isegwi li t-talbiet kollha kontenuti fir-Rikors tal-appell qed jiġu miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Kevin Zammit u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |